





# **PROGRAMM XIERAQ**
# TA' KONTROLL TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI

GVERN TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

01

# F'HIEX JIKKONSISTI L-PROGRAMM **XIERAQ TA' KONTROLL TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI?**

Il-Programm xieraq ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali jikkonsisti f'numru ta' dokumenti b'informazzjoni li jispjegaw l-istrateġija ta' immaniġġjar addattat speċifikament għal stabbiliment partikolari.

Il-prevenzjoni ta' mard bħal batterji, 'viruses' u parassiti fost oħrajn, hija parti importanti fit-trobbija tajba tal-annimali u għaldaqstant huwa importanti illi jiġi mfassal programm bħal dan.

# 02

## MINN HU L-PROFESSJONIST **RESPONSABBLI MILL-PROGRAMM?**

Mit-23 ta' April 2023 'il quddiem, sejjer ikun obbligu li kull stabbiliment reġistrat jew liċenzjat fejn jinżammu annimali (jinkludu rziezet, 'zoos' u 'breeders') ikollu programm xieraq ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali mfassal u implimentat taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist reġistrat mal-Kunsill tal- Kirurgi Veterinarji.

Dan ir-rekwiżit jinsab f' regolament 79(2) ta' Liġi Sussidjarja 437.47.

Bħalissa għaddeja kampanja ta' informazzjoni sabiex id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali jgħarraf lil kull minn huwa interessat b' dan l-obbligu legali u jħeġġeġ lil min jista' jirreġistra bħala professjonist biex jagħmel dan kemm jista' jkun malajr. Is-sidien tal-annimali għandhom isaqsu lill-kirurgu veterinarju tagħhom fuq dan il-programm.

Kemm sidien l-annimali kif ukoll kirurgi veterinarji huma mħeġġa jattendu għas-sezzjonijiet t'għarfien organizzati mid-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali. F' dawn is-sezzjonijiet jintqalu ħafna xorti ta' interess, partikolarment fuq l-użu tal-antibijotici.



**Programm xieraq ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali għandu jkollu dawn li ġejjin:**

- Jidentifika l-mard sinfikanti kollu u lproblemi/riskji ta' saħħa tal-annimali għal dak l-istabbiliment partikolari.
- Jelenka kif il-persuni responsabbli beħsiebhom li jipprevjenu l- mard , b'mod speċjali bl-użu tal-vaċċini, għalf addatat, miżuri ta' bijosigurtà u kundizzjonijiet tajba.
- Jispjega t-trattamenti li jintużaw jekk jitfaċċa l-mard.
- Jidentifika kif jista' isir titjib u tnaqqis fuq id-dipendenza tal-mediċina, b' mod speċjali l-użu tal-antibijotiċi.

# 03

# GĦALIEX L-ISTABBILIMENTI GĦANDHOM **IKOLLHOM DAN IL-PROGRAMM?**

## Dan il-programm iħeġġeġ l-assessjar tar-riskju ta' mard u jgħin biex jiġi identifikat kif u għaliex jiżviluppa l-mard.

Din l-informazzjoni tista' tintuża biex isiru l-bidliet fl-immaniġġjar u jservi ta' bażi għal pariri tal- kirurgu veterinarju. Dan jgħin ukoll sabiex dak li jkun josserva u jkejjel kemm it-tibdil fl-immaniġġjar qed iħalli r-riżultati mixtieqa.

04

# KIF GĦANDU JIĠI MQASSAM **IL-PROGRAMM?**

Il- professjonist reġistrat mal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji se jkun responsabbli mit-tfassil tal-programm.

F' dan il-fuljett qed nsemmu biss ftit suġġerimenti ta' kif jista' jinbena l-qafas tiegħu.

Peress illi mhux kull stabbiliment huwa l-istess, stabbilimenti żgħar mhux mistenni li jkollhom programm estensiv u dettaljat daqs dawk kbar.

**Il-qafas tal-programm jista' jitfassal b' dan il-mod li ġej:**

**a. Introduzzjoni:**

Deskrizzjoni tal-istabbiliment u ż-żamma tiegħu, inkluż il-bini, l-art tal-madwar u ż-żoni ta' kwarantina. Jissemmew l-għanijiet li jridu jitlaħħqu u l-pjanijiet ta' azzjoni meħtieġa.

**b. Profil ġenerali tas-sistema:**

- L-Art: Dettalji ta' kif iż-żona kollha hija mqassma u ġestita.
- L-Annimali: Identifikazzjoni u deskrizzjoni tan-numri, speċi u etajiet tal-annimali.
- L-għan tal-istabbiliment: Fil-każ ta' irziezet l-għan huwa l-produzzjoni tal-ikel, bħal bajd, laħam jew ħalib fost oħrajn.

Fil-każ ta' 'breeders' l-għan huwa t-twelid tal-frieħ. Għandu jitniżżel il-mod ta' kif l-għanijiet sejrin jitlaħħqu.

- Il-liġijiet: Tinżamm lista ta' liġijiet relevanti spjegata f' termini prattiċi mill-professjonist.Jissemmew l-għanijiet li jridu jitlaħħqu u l-pjanijiet ta' azzjoni meħtieġa.

## ċ. Alloġġ ta' annimali:

- Deskrizzjoni tal-alloġġ disponibbli, meta u kif jintuża.
- Informazzjoni fuq it-tindif, diżinfezzjoni u manutenzjoni ta' rutina tal-binja u t-tagħmir.

## d. Għalf:

Deskrizzjoni tal-għalf, kif jinħażen sewwa u meta jingħata. Dan jiddependi ħafna miċ-ċirklu ta' produzzjoni (simna/qatla), età (tiftim/treddigħ) jew kundizzjoni (mard/tgħammir)

Punti ta' osservazzjoni tal-imġieba tal-annimali. Dan jista' jsir f'ħinijiet differenti, per eżempju waqt li jirgħu, jieklu, ikunu weqfin jew miġbura flimkien. Osservazzjoni tajba tista' tiżvela kundizzjonijiet ta' mard, dawk inadegwati jew anke defiċjenzi nutrittivi.



**e. Żamma tar-Rekords:**

- Identifikazzjoni tal-annimali
- Passaporti tal-annimali, fejn applikabli
- Ktieb tal-moviment (inkluż imwiet)
- Rekord tal-mediċina li ġiet amministrata fuq l-annimali (anke dawk ta' rutina)
- Informazzjoni fuq l-iskeda ta' tnissil
- Immaniġġjar preventiv (e.ż. skedi ta' vaċċinazzjoni, strateġiji kontra l-ħniex)
- Trattament alternattiv (priobiotics, prebiotics, aċidi organiċi)
- Lista ta' mard fil-passat bi probabbiltà li jikkawża problema fil-futur
- Provi ta' xiri ta' materjal u tagħmir (stokk minn fejn tnisslu l- annimali, mediċini, numri tal-lott tal-għalf, diżinfettanti, riżultati ta' testijiet, ċertifikati tas-saħħa). Irċevuti u 'invoices' għandhom jinżam-mu għal mill-anqas ħames (5) snin.
- Riċetti veterinarji
- Kampjuni tal-għalf
- Dati taż-żjarat tal-kirurgu veterinarju u raġuni taż-żjara

**f. Taħriġ:**

- L-esperjenza u t-taħriġ tan-nies li jaħdmu fl-istabbiliment kif ukoll tal-professjonist għandha tkun elenkata u aġġornata.

  Is-sezzjonijiet ta' għarfien li d-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali jorganizza minn żmien għal żmien jgħoddu wkoll bħala taħriġ.

**ġ. Proċeduri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza:**

tifqiegħ ta' mard, nirien, epidemiji. In-numri ta' kuntatt għandhom jinżammu aġġornati.



### ħ. Pjanijiet ta' titjib għal ġejjieni:

- Għandhom jiġu identifikati ż-żoni fejn hemm bżonn bidla u stabbiliti l-miri għal-livell ta' mard għat-tnax –il xahar li ġej.

- Għandhom jinħolqu strateġiji ta' prattiċi ta' trobbija bbażata fuq iċ-ċikli tal-ħajja tal-annimali, l-epidemoloġiji u l-fatturi tal-mard.

- Ir-riżultati miksuba (kemm pożittivi jew negattivi) għandhom jiġu miktuba u studjati sew biex b'hekk f'każ illi tiġi identifikata l-kawża principali ta' trobbija mhux kif suppost ikun eħfef li jsir it-titjib meħtieġ.



### i. Miżuri tal-bijosigurtà u iġjene:

- Bijosigurtà huwa t-terminu li jiddiskrivi l-istrateġija ġenerali u l-miżuri sabiex iżommu jew inaqqsu l-mard milli jidħol fl-istabbiliment.

  Dawn il-miżuri għandhom jiġu mfassla fid-dettall u għandha tinżamm l-evidenza li dawn qed jiġu segwiti. L-istess jgħodd għal prattiċi ta' iġjene.

### j. Miżuri għat-trattament xieraq tal-annimali:

Dawn il-miżuri għandhom jitfasslu f'punti qosra. Oltre mir-raġunijiet marbuta mad-drittijiet tal-annimali, il-kundizzjonijiet ħżiena jwasslu wkoll għal mard.

# 05

## KIF NISTA' INSIR NAF IŻJED **FUQ DAN IL-PROGRAMM?**

### Il-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji ħejja proċedura ta' reġistrazzjoni għal professjonisti interessati.

Ki-rurgi Veterinarji għandhom jagħmlu r-reġistrazzjoni tagħhom kif indikat mill-Kunsill tal-Kirurgi Veter-inarji. Is-sidien tal-istabbilimenti għandhom ikellmu lil kirurgu veterinarju tal-fiduċja tagħhom fuq dan il-programm biex jiksbu aktar informazzjoni.

# 06

# X' INHUMA R-RESPONSABILITAJIET TA' **SID L-ANNIMAL U TAL PROFESSJONIST?**

## Responsabbilità tal-Professjonist

### Il-professjonist għandu jfassal u jsejjes il-programm fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istabbiliment.

Hemm ħafna fatturi oħra li jagħmlu post differenti minn ieħor. Insemmu xi wħud: ambjent tal-lokal (rurali jew urban), pjan tal-post (maqsum f' ħafna binjiet jew binja waħda), speċi differenti (stabbiliment fejn hemm speċi waħda u oħrajn b'ħafna speċi differenti għal għan wieħed jew iżjed).

Hija r-responsabbiltà tal-professjonist li jqis dawn il-fatturi kollha u jfassal il-programm addattat. Għandhom biss jintużaw mediċini rreġistrati. Vaċċini għandhom jintużaw biss jekk il-marda jew li 'strain' tagħha tkun preżenti.

Hija wkoll r-responnsabilita tal-professjonist li jinforma ruħu fuq hekk u/jew jirrakomanda t-testijiet li hemm bżonn. Fil-żjarat tiegħu l-professjonist għandu jara li l-programm qed jiġi segwit. Fejn dan ma jkunx il-każ il- professjonist għandu jiddiskuti ma' sid l-istabbiliment. Jekk ikun hemm bżonn għandu jinbidel il-programm jew jiġi mmarkat b' liema mod kien hemm jew se jkun hemm varjazzjonijiet fil-programm. Għandu jiġi indikat jekk dan sarx bi qbil bejn iz-żewġ partijiet. Dan huwa wkoll important għal fini tal-kontrolli uffiċjali.







## Responsabbiltà sid l-istabbiliment

Sid l-istabbiliment għandu jsegwi sew l-istruzzjonijiet tal-programm. Fejn ikollu diffikultajiet għandu jiċċarahom minnufih.

Għandu jżomm id-dukumenti relatati mal-programm fl-istabbiliment stess b' mod organizzat u nadif.

Ovvjament dak kollu li nkiteb fil-programm ikun inkiteb bi qbil bejn iż-żewġ partijiet, għalhekk jekk sid l-annimali jidhirlu li għandu jkun hemm xi tibdil dan għandu jsir b' diskussjoni mal-professjonist. Fatturi li huma diffiċli li jiġu attwati fil-prattika għandhom jinħasbu bil-quddiem u kkunsidrati jew immarkati bħala tali qabel jiġi finalizzat il-programm.

# 07

## X' INHUMA L-PATOLOĠIJI EWLENIN PREŻENTI FIT-TERRITORJU MALTI **LI JISTGĦU JITNAQQSU PERMEZZ TA' IMPLIMENTAZZJONI TAJBA TAL-PROGRAMM?**



### BOVINI

- Dijarea fl-għoġġiela
- Pnewmonja fl-għoġġiela
- Plaċenta fuq ġewwa u endometritis
- Mastitis
- Zappip (necrobacillosis, digidermatitis, linea alba, ulcer fil-qiegħ tas-sieq).



### KAPRINI U OVINI

- Dijarea fl-għoġġiela
- Pnewmonja fil ħrief/gidja
- Plaċenta fuq ġewwa u endometritis
- Mastitis
- Zappip (necrobacillosis, digidermatitis, linea alba, ulċeri fil-qiegħ tas-sieq)



## MAJJALI

- Infezzjoni Streptococcus suis
- Infezzjonijiet vaġinali/vulvali fil-majjali nisa wara t-twelid
- Mastitis (E Coli / Salmonella)
- Greasy pig disease (Staphylococcus hyicus)
- Ħżież (Trichophyton /Microsporum spp.)
- Skabbja (Sarcoptes scabiei)
- Attakk mid-dubbien (dubbien tad-djar / dubbien tal-istalel)
- Parassiti interni
- Coccidiosis (coccidian varji)



## TJUR

- Mard respiratorju
- Mard gastrointestinali
- Dermatite fil-pala tas-sieq
- Tnaqqir dannuż
- Infezzjoni fungali



## FNIEK

- Leżjonijiet tal-ġilda

## Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali huwa utli ħafna bħala għodda ta' konsulenza, għaliex dan huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali għaliex għandu jiġi żviluppat.

Għalkemm dan se jkun obbligatorju, l-valur tiegħu jista' jitnaqqas jekk l-awtoritajiet ikunu preskrittivi iżżejjed. Mhux l-intenzjoni tad-Dipartiment li jiddetta kif għandu jkun bl-eżatt kull programm ta' kull stabbiliment. Kif diġa ssemma, il-kumplessità tiegħu jiddependi ħafna mill-istabilliment u l-bżonnijiet individwali.

**Kuntatti**
Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja
Abattoir Street, Albert Town, Marsa, MRS 1123 - Malta
T +356 2095 3791
E veterinaryregulation.mafa@gov.mt

www.agrikoltura.gov.mt

agrikoltura sajd